## RETTIFIKA

### Rettifika tad-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2015/2290 tat-12 ta' Ġunju 2015 dwar l-ekwivalenza provviżorja tar-reġimi tas-solvenza fis-seħħ fl-Awstralja, Bermuda, il-Brażil, il-Kanada, il-Messiku, u l-Istati Uniti u applikabbli għal impriżi ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni b'uffiċċji prinċipali f'dawk il-pajjiżi

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 323 tad-9 ta' Diċembru 2015)*

Fil-paġna tal-qoxra u fil-paġni 22 u 26, id-data ta' adozzjoni (it-titolu u l-firma) tad-Deċiżjoni Delegata,

*minflok:* "12 ta' Ġunju 2015",

*aqra:* "5 ta' Ġunju 2015".

---

### Rettifika tar-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 189 tas-27 ta' Ġunju 2014)*

F'paġna 10, l-Artikolu 8, il-paragrafu 1, il-punt (f),

*minflok:* "(f) l-ispiża tax-xiri, il-ħżin, it-tilqim, l-amministrazzjoni jew id-distribuzzjoni tal-vaċċini u l-lixka kif ukoll spejjeż ta' inokulazzjkoni, jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi jew tawtorizza tali azzjonijiet;"

*aqra:* "(f) l-ispejjeż tax-xiri, il-ħżin, il-ġestjoni jew id-distribuzzjoni tal-vaċċini u l-lixka kif ukoll l-ispejjeż tat-tilqim stess, jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi jew tawtorizza tali azzjonijiet;";

F'paġna 11, l-Artikolu 11, il-punt (f),

*minflok:* "(f) l-spejjeż tax-xiri, il-ħżin, it-tilqim, l-amministrazzjoni jew id-distribuzzjoni ta' dożi ta' vaċċin jew vaċċin u lixki użati għall-programmi;".

*aqra:* "(f) l-ispejjeż tax-xiri, il-ħżin, it-tilqim, il-ġestjoni jew id-distribuzzjoni ta' dożi ta' vaċċin jew vaċċin u lixki użati għall-programmi;".